# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.6

## Kap 3: Il-qalb tajba

## Lezzjoni 3.6: Kif ngħinu?

### L-Għanijiet:



**L-istudenti:**

1. Jifhmu kif jistgħu jgħinu b'modi differenti.
2. Jifhmu li meta ma jkunux jistgħu jgħinu lil xi ħadd, għandhom xorta waħda jitolbu għalih/a.

### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Oħloq Powerpoint li turi diversi nies jgħinu lil ħaddieħor.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi lit-tfal jekk hemmx xi ħadd li jixtieq jgħinha ddendel xi ċarts mal-ħajt. It-tfal jieħdu gost jgħinuha lill-għalliema għalhekk ikun hemm ħafna li joffru.
- Staqsi: 'Li kieku ommok staqsietek biex tgħinha, kont tieħu gost jew tgħidilha li m'għandekx aptit?'
- Iftaħ diskussjoni dwar għaliex aħna xi kultant ma niħdux gost ngħinu fid-dar.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri l- Powerpoint li tkun ħdimt int, li fiha hemm ħafna nies jgħinu lill-oħrajn.
2. Waqt li qegħdin jaraw il-Powerpoint jistgħu jiddiskutu dak li jkunu qed jaraw. Tista' tistaqsi:
   - Kif nistgħu ngħinu? Xi tweġibiet jistgħu jkunu:
     - Billi ngħinu lil xi ħadd li weġġa'.
     - Nagħtu l-flus lil min m'għandux.
     - Inkellmu lil min hu waħdu.
     - Ngħinu lil min ma jiflaħx jagħmel xi ħaġa.



3. Fiehem lit-tfal li hemm diversi tipi ta' għajnuna. Bħala tfal ma jistgħux jgħinu ħafna iżda xorta għandhom id-dmir li jgħinu

- fid-dar lill-ġenituri tagħhom,
- jgħinu lin-nanniet li forsi jieħdu ħsiebhom,
- jgħinu lil xi tifel jew tifla li forsi ma tantx ilaħħqu waqt il-lezzjonijiet,
- iċedu posthom meta jkunu fuq il-karozza tal-linja lil xi anzjan li jitla' u ma jkollux fejn joqgħod bilqiegħda,

4. Fakkar ukoll li jistgħu jgħinu lit-tfal tal-missjoni billi jiċċaħħdu minn xi flus u jagħtuhom għall-missjoni



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Hemm diversi tipi ta' għajnuna.
2. Fejn ma nistgħux ngħinu għandna nitolbu għall-għajnuna ta' Alla.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal ikollhom sens li jkunu lesti li jgħinu kif jaraw il-bżonn. Li tgħin ifisser li tagħti l-ħin, tisma', u anke li tagħti flus għall-karità.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

**Peress li nkunu qajjimna diskussjoni fuq kemm hu sabiħ li tgħin, u li l-aħjar li tibda tgħin lill-ġenituri, nanniet eċċ., żvolġi drama qasira ta' kif għandha tkun l-atitudni tagħna meta ommna ssaqsina biex ngħinuha.**

**Tifla tirreċta ta' omm u tifla oħra toqgħod tat-tifla tagħha.**



Omm: Karen ejja għinni ftit nixxuttaw il-platti?

Karen: Iva, ma, arani ġejja.

Karen: Mela le, ma, inlesti li qed nagħmel u niġi.

Karen: Agħtini ċans inlest din is-somma u niġi **U MHUX**

Karen: U ħallini, ma rridx!

**Nitolbu**



Mulej Ġesu',

Għinna nindunaw meta jkun hemm

bżonn li ngħinu u għinna nkunu kapaċi

ngħinu lil kulħadd.